DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 100/2009

tal-25 ta' Settembru 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjah 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 85/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew ([4]), u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ([5]) ġew inkorporati fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 67/2006 ([6]) tat-2 ta' Ġunju 2006, b'adattamenti għall-pajjiżi speċifiċi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1032/2006 f'dak li jikkonċerna r-rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi ta' skambju tad-dejta tat-titjiriet li jappoġġjaw is-servizzi ta' kollegamenti tad-dejta huma kkonċernati ([7]) għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiżdied fil-punt 66wb (ir-Regoalment tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

", kif emendat minn:

— **32009 R 0030**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 (ĠU L 13, 17.1.2009, p. 20)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 30/2009 fil-lingwa Iżlandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2009, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 37.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.
([4]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.
([5]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([6]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 18.
([7]) ĠU L 13, 17.1.2009, p. 20.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES